**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sharon Tanti)**

**Vs**

**LUKE FARRUGIA**

Kump Nru. 254/2005

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Luke Farrugia** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 530087(M), gie akkuzat talli:

1. fis-Swieqi nhar it-8 ta' Marzu 2005 f' xi hin bejn is-2:00 ta' wara nofs inhar u l-4:30 ta' wara nofs inhar, b' xi mod li jkun, xjentement ghent jew assistejt lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija (Lm1,000), li sar ghad-detriment tal-konjugi Mario u Emanuela Camilleri mis-Swieqi, fl-atti li bihom id-delitt kien gie ippreparat jew ikkunsmat;

2. kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-6 ta' Marzu 2005 u fil-jiem ta' qabel din id-data, xejntement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija (Lm1,000);

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tad-19 ta' Awwissu 2005 (ara *folio* 151) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tissokkta u tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 195);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri, inkluz dik ta` l-imputat minn jeddu;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-atti processwali ta` din il-kawza ghaddew ghand din il-Qorti kif inhi issa presjeduta wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali kollha a dispozizzjoni taghha. Ma hux l-istil ta' din il-Qorti li toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process - wara kollox dak li jirrizulta jkun effettivament fil-process.

In succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti.

1. Illi fid-9 ta' Marzu 2005 dahal rapport fis-sezzjoni tal-Vice Squad li certa Sarah Camilleri ta' sittax-il sena kienet giet irrappurtata nieqsa mid-dar ta' ommha Emanuela Camilleri. Il-familjari infurmaw lill-Pulizija li l-istess Sarah Camilleri kienet qed taghmel kuntatt maghhom permezz ta' mobile u pprovdew in-numru; dan il-numru rrizulta li kien tal-ex boyfriend ta` sarah Camilleri, certu Luke Farrugia. Bit-telefonata li kienet ghamlet, Sarah Camilleri infurmat lil genituri taghha li hi kienet giet mahtufa minn zewg tfajliet u ttiehdet Ghawdex u li kienet qed tinzamm maqfula f'kamra li ma tafx fejn. Il-pulizija talbet l-ghajnuna tal-Go Mobile sabiex jillokalizzaw l-area li kienet qeghda fiha Sarah Camilleri u mill-Go Mobile l-informazzjoni kienet li Sarah Camilleri kienet qeghda xi mkien fl-area tal-Gzira, Malta u mhux gewwa Ghawdex;

2. Illi l-pulizija ghamlet diversi tfittxijiet u verifiki fl-inhawi tal-Gzira. Intalbet ukoll l-assistenza tal-media. Irrizulta li ftit granet wara d-9 ta` Marzu 2005 inqata l-kuntatt kollu li Sarah Camilleri kienet qed taghmel mal-membri tal-familja taghha. Nel frattemp il-pulizija tkellmet anke ma' Luke Farrugia l-imputat. L-imputat dejjem sostna li veru tal-familja taghha kienu qed imorru jfittxuha ghandu, pero hu ma kellu ebda idea dwar din fejn setghet kienet u li l-mobile in kwistjoni kien insteraqlu dakinhar stess filghaxija li suppost intuza dan in-numru tieghu;

3. Illi, xi granet wara, propju fil-15 ta' Marzu 2005 xi s-sebgha u nofs ta' filghaxija, Sarah Camilleri marret hi stess l-ghassa ta' San Giljan fejn qaltilhom li hi m'ghandiex tigi meqjusa izjed bhala nieqsa u li riedet tmur lura d-dar pero kienet qed tibza li tal-familja kienu se jaghmlu ghaliha. Kien dakinhar, fil-15 ta' Marzu 2005 stess li ommha Emanuela Camilleri infurmat lill-pulizija li meta Sarah Camilleri kienet telqet mid-dar, kienet naqset is-somma ta` Lm30,000 fi flus kontanti minn go kaxxa mid-dar taghha stess. Fuq din l-informazzjoni, Sarah Camilleri giet imsejjha tmur ghand il-Vice Squad u minn hemmhekk bdew l-investigazzjonijiet

flimkien mal-pulizija tas-CID biex jigi stabbilit x'seta sar minn dawn il-flus. Sarah Camilleri, ghal bidu ma riditx tikkopera mal-pulizija. Giet ghalhekk infurmata l-Magistrat tal-Ghassa, li fethet inkjesta u Sarah Camilleri nzammet arrestata;

4. Illi l-ghada filghodu, nhar is-16 ta' Marzu 2005, meta l-pulizija regghet tkellmet ma' Sarah Camilleri, hija qalet illi ftit qabel ma telqet mid-dar kienet giet avvicinata minn certu Stacey Chircop li kien qalilha li jaf li ghandhom xi flus u biex tghinu ghax hu kellu bzonn il-flus. Illi dakinhar li telqet mid-dar, dan Stacey Chircop kien mar fejn id-dar taghha fil-kumpanija ta' wiehed jghidulu l-Fais Elsallak, li jigi r-ragel ta' Philippa Chircop, omm Stacey Chircop. L-imsemmi Stacey Chircop kien allegatament dahal maghha fid-dar. Kien talabha taghtih il-flus, u Sarah Camilleri fethet kaxxa illi kienet taf li ommha zzomm il-flus fiha. Minnha hadet Lm6,000 li kienu qeghdin f'pakketti ta' Lm1,000 l'wiehed. Hu talabha ttieh izjed u hija taghtu Lm2,000 ohra maghhom. Sadanittant Stacey Chircop beda jippakkjalha hwejjigha ghax qalilha li hi kien ser ikollha tmur mieghu. Hija qalet li ppakkjaw il-basktijiet, nizzluhom fil-karozza, u sakkret il-bieb ta' barra hi ghax harget l-ahhar wahda. Sarah Camilleri ziedet tghid li l-flus imbaghad hadhom Stacey Chircop u ma tafx x'sar minnhom. Qalet illi haduha fi flat ta' l-imsemmi Fais stess li kien jinsab gewwa Triq Testaferrata, l-Gzira. Qalet ukoll li l-istorja li kienet qed taghti lil ommha u lill-pulizija li kienet qeghda Ghawdex, kienet kollha invenzjoni minn naha taghha. Qalet ukoll li ma baqghetx taghmel kuntatt mal-familja taghha ghax qalulha biex taqsam il-linja tal-mobile inkella kienet ser tigi intraccjata mill-pulizija. Sarah Camilleri stqarret li hija fl-ebda hin ma kienet mahqura;

5. Illi din il-verzjoni li tat kienet ukoll igguramentata fil-mori tal-inkjesta magisterjali. Hi eskludiet lill-imputat Luke Farrugia. Originarjament, lil Luke Farrugia eskludietu minn din l-istorja kollha pero, meta mbaghad regghet tkellmet mal-pulizija iktar tard, hija qalet li meta kienet semghet li Luke Farrugia kien wegga (ghax ftit taz-zmien qabel il-harba taghha,

Luke Farrugia kellu incident b'karozza u spicca b'concussion l-isptar), hija ghamlet kuntatt mieghu bl-sms fejn staqsietu kif inhu. Qalilha li kellu hafna problemi u kellu bzonn il-flus u hi qaltlu li kienet lesta li tghinu. Qalet li marret id-dar t'ommha, fethet il-kaxxa minn jeddha, hadet sitt elef lira, cemplet lil Luke Farrugia hi stess, qaltlu ejja ghalija ghax ghandi l-flus. Skond Sarah Camilleri, Luke Farrugia, dak il-hin, qalilha tghaggilx, u erga ghamilhom f'posthom (b'referenza ghall-flus). Pero hi qaltlu le, issa la sgassajt il-kaxxa, jiena mhux se nibqa hawn hekk. Jien xbajt id-dar u rrid nitlaq. Hija tkompli tghid illi Luke Farrugia mar ghalieha flimkien ma' Stacey Chircop, dahlu maghha d-dar, ghinuha tippakkja l-hwejjeg, ghadditilhom il-flus u telqet maghhom. L-ewwel haduha go flat Bugibba, u tghid illi hi bezghet go dan il-flat ghax kellu bieb tal-hgieg u kien facli li dak li jkun jidhol fuqha. Minn hemmhekk haduha fil-flat ta' l-imsemmi Fais El Sallak u ghamlet hemmhekk gimgha. Ghamlulha xirja biex ikolla x'tiekol. Skond hi l-flus tathom f'idejn Luke. Taw xi somma lil Stacey Chircop talli ghinhom isibu l-flat. Semmiet xi affarijiet li kien xtralha Luke Farrugia b'dawn il-flus, fosthom kelba ta' xi razza pura li tiswa Lm450. Xtara xi hwejjeg ghalih u ghaliha u xtara xi papocc ghalih. Inxtraw hafna linji tal-mobiles biex ikunu jistghu ibiddluhom regolarment halli ma jkunux jistghu jigu intraccjati mill-pulizija. Inxtara xi mobile phone iehor, pero minn dawn l-affarijiet kollha li semmiet hi, kull ma sabu l-pulizija kien il-papocc li kien liebes Luke Farrugia. Kien papocc bhalma ddeskriviet hi waqt li kien arrestat hu u dan gie esebit. Din il-verzjoni kkonfermata wkoll bil-gurament.

6. Illi meta Luke Farrugia gie mitkellem dwar l-allegazzjonijiet li kienet ghamlet Sarah Camilleri, hu cahad dejjem l-involviment tieghu f'din is-serqa, u cahad li kellu xi kuntatti ma' Stacey Chircop. Skond l-investigaturi, verbalment u mhux fl-istqarrija miktuba, l-imputat kien qal li kien jaf bil-flus u kien ta deskrizzjoni tal-kaxxa – pero huwa qatt ma ammetta xejn dwar il-kwistjoni tas-serq tal-flus;

7. Illi in vista ta` l-ahhar verzjoni guramentata ta' Sarah Camilleri u l-istqarrijiet ta' Luke Farrugia, il-pulizija hargu l-akkuzi kontra Luke Farrugia. Fil-konfront ta' Sarah Camilleri kien hemm waiver guramentata minn naha ta` ommha Emanuela Camilleri fis-sens li ma riditx tiehu passi fil-konfront ta' bintha dwar l-involviment taghha fis-serqa.

**Ikkunsidrat;**

Illi dak li ser isegwi huwa bazikament u in succint dak li jirrizulta, fis-sostanza, mid-depozizzjonijiet tax-xhieda, protagonisti, f'dan il-process.

**Sarah Camilleri**, fix-xhieda taghha *a folio* 46 *et seq*, taghti verzjoni li tindika illi l-imputat mhux biss ma kienx jaf dwar flus li kienu jinzammu fid-dar ta` ommha, izda li hu qatt ma talabha flus u li kienet hi li offrietlu l-flus meta saret taf li kellu madwar elf lira maltin u xi haga fuqhom bhala hsara fil-karozza.

**Emanuela Camilleri**, omm Sarah, tixhed *a folio* 64 *et seq*. Fost affarijiet ohra, f'din ix-xhieda hija tirrakkonta x'qaltilha bintha Sarah Camilleri, u jikkonfigura l-isem ta` certu Stacey Chircop bhala l-persuna li kien jghid lil Sarah Camilleri sabiex tiehu l-flus minghand ommha. Tghid li Sarah qaltilha li lil Luke Farrugia taghtu LM8,000 filwaqt li kienet tahseb li l-bqijja mill-ammont shih ta` LM30,000 hadhom Stacey Chircop. L-istess xhud tghid li l-allegati flus kienu fis-sular ta` fuq, fl-art f'bagalja taht il-gradenza fil-kamra tas-sodda ta` Sarah; hija wkoll tghid li rat it-taqlib.

**Waqt l-inkjesta** kondotta, **Emanuela Camilleri** tixhed (ara *folio* 101) illi l-flus ittiehdu mill-kcina.

**Sarah Camilleri** tghid, bil-gurament (ara *folio* 102) nhar is-16/03/2005, illi l-flus kienet taghtom lil Stacey Chircop, izda mhux quddiem persuna ohra maghrufa bhala l-Fajs (Elsallak Faiz Omar). Tghid li l-Fajs qalilha li bil-flus kien

xtara revolver. Jumejn wara, fit-18/03/2005 (ara *folio* 103), Sarah Camilleri tghid bil-gurament illi l-flus kienet taghtom lil Luke Farrugia fil-presenza ta` Stacey Chricop. *Folio* 118, fl-istqarrija datata 16/03/2005, li giet ikkonfermata bil-gurament, Sarah Camilleri tghid li l-flus kienet taghtom lil Stacey Chircop li dahal maghha gewwa fid-dar ta` ommha u li l-Fajs kien baqa barra jistenna fil-karozza. Il-flus gabitom mill-kcina. Tghid li t-Lm8,000 hadithom ghaliha. Izda mbaghad Stacey hadom kollha hu.

Fl-istqarrija datata 17/03/2005 (ara *folio* 128) **Sarah Camilleri** tghid illi kienet tkellmet ma Luke u hu qalilha li kellu xi Lm1,800 spejjez fil-karozza u peress illi kienet ghada thobbu qaltlu li kienet ser tipprova tirrangalu hi u filfatt kienet cemplitlu u qaltlu biex imur ghalieha halli ttieh il-flus u riedet titlaq mieghu ghax riedet titlaq mid-dar ghax kienet xebghet id-dar u li kienet xebghet tohrog ma Redeemer (il-boyfriend attwali taghha).

Fl-atti processwali hemm ukoll l-istqarrijiet ta` l-imputat **Luke Farrugia** (ara *a folios* 32 u 36 – meta l-imputat irrilaxxja dawn l-istqarrijiet huwa kellu 17-il sena) kif ukoll id-depozizzjoni tieghu *a folio* 302 *et seq*. Din id-depozizzjoni hija wahda voluminuza u fiha l-imputat jaghti rendikont ta` fejn kien meta Sarah Camilleri ddecidiet li titlaq mid-dar ta` ommha u jirrispondi ghal hafna aktar domandi. Huwa jichad kategorikament kwalunkwe involviment tieghu fis-serq tal-flus mid-dar ta` omm Sarah Camilleri jew li qatt ircieva xi haga minn dawk il-flus li allegatament ittiehdu mid-dar ta` omm Sarah Camilleri.

**Ikkunsidrat**;

Illi issa li ser taghmel din il-Qorti hu li se tmur mill-ewwel ghall-punt jew punti li ghandhom jigu indirizzati fid-dawl taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat. Din il-Qorti issa trid tghaddi sabiex tiddeciedi dwar ir-rizultanzi processwali skond ix-xjenza legali.

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Li f'dan il-kaz jezisti kuflitt fil-provi huwa evidenti. Sarah Camilleri timplika lill-imputat filwaqt li l-imputat jichad kategorikament. Fost xhieda ohra, Sarah Camilleri u Luke Farrugia jistghu jitqiesu bhala l-protagonisti f'dan il-kaz.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti li tkun ghandha tapprofondixxi aktar l-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Il-prosekuzzjoni tallega illi f'dan il-process hija rnexxielha taghmel il-prova konvincenti tas-serq tal-flus mid-dar ta` Emanuela Camilleri u li irnexxielha taghmel il-prova li l-imputat Luke Farrugia kien komplici f'dan is-serq billi sahhah il-volonta` ta` Sarah Camilleri u billi weghdha l-ghajnuna wara l-fatt. Alternattivament, il-prosekuzzjoni tinvita lill-Qorti li la darba rnexxielha tipprova s-serq, u f'kaz li l-Qorti ma tkunx konvinta mill-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-imputat kien komplici f'tali serq, allura ghadha tinstab il-htija fuq it-tieni imputazzjoni, dik ta` ricettazzjoni.

Bhala provi cirkostanzjali dwar l-involviment ta` l-imputat, il-prosekuzzjoni ghamlet enfasi fuq il-fatt li bil-flus li ha minghand Sarah Camilleri, l-imputat xtara par *sports shoes* tad-ditta kif ukoll geru (*puppy*) bil-pedigree li kien jiswa l-flus.

Id-difiza, minn naha taghha taghmel enfasi fuq l-inattendibilita` tax-xhieda tal-prosekuzzjoni fil-generalita` taghhom u tissottometti illi in effetti ma saritx il-prova 'l hemm minn kul dubbju detatt mir-raguni li effettivament f'dan il-kaz sehh is-serq tal-flus. Tghid illi l-provi u x-xhieda ma huma konvincenti xejn.

Tistieden lill-Qorti sabiex tqis lil Sarah Camilleri bhala xhud inattendibbli u mhux xhud li tista toqghod fuqha meta wiehed iqis id-diversi verzjonijiet differenti li din ix-xhud taghti kif effettivament jirrizultaw f'dan il-process. Id-difiza tirrileva illi lanqas ix-xhieda ta` Emanuela Camilleri ma taghti konfort lill-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni.

F'dan il-kuntest din il-Qorti tirrileva illi indipendentement minn jekk hemmx kunflitt fil-provi jew le, l-ewwel li trid tara hu jekk il-prosekuzzjoni rnexxiliex tipprova s-serq. Fuq dan il-fatt jistrieh kollox.

Din il-Qorti, wara tali analizi approfondita tal-provi mressqa, tinsab f'qaghda tiddikjara illi, f'dan il-kaz, ghandha dubbju, u mill-bidu sa l-ahhar ta` l-analizi, dak id-dubbju ippersista. *In dubio pro reo*. **Mhux bizzejjed ghall-prosekuzzjoni, biex tirnexxi fil-kaz taghha, billi l-Qorti tghid jew titqieghed f'pozizzjoni li tghid u tikkonkludi li x'aktarx iva milli le, dak li qed tghid il-prosekuzzjoni sehh, u cioe` li sehh is-serq ta` flus minn Sarah Camilleri mid-dar ta` Emanuela Camilleri nhar id-9 ta` Marzu 2005**.

Dwar is-serq, il-prosekuzzjoni waslet biss sal-grad tal-probabbli; grad li kif inhu stabbilit fil-kamp penali, ma jissodisfax il-vot tal-ligi.

Din il-Qorti taghmilha cara illi hi mhux qed tghid li parti jew ohra qed tghid jew mhux qed tghid il-verita`. Mill-assjem tal-provi u mill-analizi ta` l-istess, din il-Qorti tinsab f'qaghda li tiddikjara li l-korp tal-verzjonijiet diversi moghtija mix-xhud principali tal-prosekuzzjoni – Sarah Camilleri - baqa jipprezenta konfuzjoni u kunflitt serju ta` verzjonijiet liema stat ta` fatt fil-provi holoq id-dubbju – id-dubbju ragonevoli, id-dubbju li gej mir-raguni – li necessarjament jehtieg li jmur favur l-imputat.

La darba il-prova dwar is-serq ma saritx sal-grad li trid il-ligi, ma hux iktar mehtieg li din il-Qorti tipprocedi ulterjorment fuq l-elementi l-ohra tar-reati addebitati.

**KONKLUZJONI;**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL LUKE FARRUGIA MHUX HATI TAL-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur